**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Dicembru 2022**

**Rikors nru: 2631/2022 MLF**

**Wara l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv Nru. 1618/2018 mahrug fl-14 t'Awwissu 2018 fl-ismijiet Melita Limited**

**vs**

**Josephine Cacciottolo**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Josephine Cacciattolo tat-23 ta' Novembru 2022 fejn talbet il-hrug ta' kontromandat stante illi s-sekwestranti harget dan is-sekwestru ezekuttiv versu s-somma ta' elf u sitt mija u erbatax-il ewro u dsatax il-centezmu (Eur.1614.19) u llum, permezz tac-cedola ta' depozitu 3001/22 annessa ma' dan il-kontromandat, hemm depozitat is-somma ta' Eur.2,401.93c, li minnhom l-ammont dovut lis-sekwestrant jista jigi zbankat minn min ghandu dritt ghalihom skond il-ligi

Rat li fis seduta tas-7 ta' Dicembru 2022 l-avukat Dr Gian Luca Cappitta ghas-socjeta Melita Limited prezenta risposta fejn qed jopponi ghat-talba

Rat l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Minkejja l-fatt illi mill-atti jidher (ghaliex ma gietx esebita kopja awtentikata) li l-ammont €2401.93 gie depozitat fic-cedola ta’ depozitu numru 3001/2022, dan l-ammont mhux liberament zbankabbli mis-socjeta intamata stante li c-cedola ta’ depozitu giet ukoll intavolata fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 1826/22 intavolati mis-socjeta GO p.l.c. kontra l-intimata

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu subiti mir-rikorrenti

Magistrat

Doreen Pickard
Deputat Registratur